**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI TAL-FAMILJA**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 13/2022 BS**

**AA**

**-vs-**

**BB**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' AA illi ppremettiet:**

Illi l-esponenti żżewġet lill-intimat nhar l-ewwel (1) ta' Marzu 2003 (Vide ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat Dok A), minn liema żwieġ twieldu żewġt itfal: ĊĊ u DD aħwa EE li t-tnejn huma maġġorenni;

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku datat tnejn u għoxrin (22) ta' Jannar 2022 ppubblikat min-Nutar Enzo Dimech (Dokument B) u kien ilhom *de facto* separati minn xulxin għal żmien twil;

Illi l-partijiet qatt ma reġgħew irrikonċiljaw u r-rikorrenti ma tara l-ebda prospett raġjonevoli li dan isir;

Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment u dana peress li l-intimat qiegħed iħallas il-manteniment a tenur tal-istess kuntratt;

Illi l-esponenti trid li dan iż-żwieġ jiġi maħlul permezz ta' divorzju li jigi pronunzjat minn din l-Onorabbili Qorti.

**Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:**

i. Tiddikjara li ż-żwieġ bejnha u bejn l-intimat huwa maħlul u għalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;

ii. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, kif ukoll li jagħmel id-debita korrezzjoni fiċ-ċertifikat.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha;

Rat li l-konvenut għalkemm debitament notifikat fid-19 ta' Mejju, 2022 ma ppreżenta l-ebda risposta;

Rat li l-konvenut fis-seduta tas-17 ta' Ġunju, 2022 irrimetta ruħu għad-deċizjoni ta' din il-Qorti;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tinnota li r-rikors ġuramentat ġie ppreżentat mill-attriċi u permezz ta' dan hija ddikjarat li għalkemm il-partijiet isseparaw b'kuntratt pubbliku fit-22 ta' Jannar, 2022 huma ilhom separate de facto minn xulxin. Iddikjarat ukoll li ma hemm l-ebda prospett ta rikonċiljazzjoni u li ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti rat l-Artikoli 66 A et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jirriżulta għalhekk illi r-rekwiżiti kollha meħtieġa mil-liġi sabiex iż-żwieġ jiġi maħlul huma sodisfatti.

**Decide.**

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tilqa' t-talbiet kollha u filwaqt li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ta' din il-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur